**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**2 ta' Mejju, 2021**

# SAN ĠUŻEPP U X-XOGĦOL

Din is-sena qegħdin infakkru l-150 sena minn meta San Ġużepp inħatar patrun tal-Knisja universali. Għal din l-okkażjoni, il-Papa Franġisku kiteb ittra speċjali fuq il-virtujiet ta' San Ġużepp. Illum se nislet xi ħsibijiet fuq il-bżulija ta' San Ġużepp. San Ġużepp kien mastrudaxxa, bniedem tas-sengħa li bl-għaraq ta' ġbinu kien jikseb l-għajxien għall-familja. F'dan l-ewwel ta' Mejju niftakru fil-ħaddiema, f'dawk kollha li ta' kuljum iħabirku biex jaqilgħu l-għajxien tagħhom. F'dan il-mument partikolari niftakru b'mod speċjali f'dawk li minħabba l-pandemija li għaddejjin minnha, mhumiex jaħdmu jew inkella qed jaħdmu orarju mnaqqas.



San Ġużepp huwa umli. Hemm ħaddiema li jagħmlu xogħol li jħallihom għall-ġenb, mingħajr qatt ma tintefa' s-searchlight fuq dak li qed jagħmlu.

Il-Papa jsemmi l-ħafna ħaddiema li f'din il-pandemija ma dehrux fuq il-gazzetti u l-media soċjali l-oħrajn imma li f'dan iż-żmien "qed isawru l-ġrajjiet deċiżivi tal-istorja tagħna".

Fil-pandemija rajna li l-iktar ħaddiema importanti mhumiex dawk li jaqilgħu ħafna (ħafna drabi għandhom salarji skandalużi) imma huma dawk li jagħmlu l-iktar xogħol umli u anke perikoluż biex jaqdu lill-oħrajn.

Kull xogħol, anke l-iktar xogħol umli, jagħti dinjità lill-bniedem, meta nagħmluh b'sens ta' servizz għall-oħrajn.

***L-Arċipriet***

---

**SENA ĊENTINARJA - 27:** Kull grupp tal-Leġjun li jissejjaħ *Praesidium* hu magħqud ma' oħrajn fl-istess żona bħala *Curia* li mbagħad fl-istess djoċesi jew pajjiż jinġabru fi ħdan kunsilli ogħla, imsejħa *Comitium, Reġia* jew *Senatus.*

**L-AVVIŻI TAL-PARROĊĊA:**

Għal dawk li jattendu l-quddiesa tas-7:00pm ta' filgħaxija, matul ix-xahar ta' Mejju se ssir it-talba tar-Ružarju qabel il-quddiesa.

**IS-SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa 7 ta' Mejju fil-5:30pm (dritt wara l-quddiesa tal-5:00pm). Ilkoll mitlubin nagħmlu l-ħila tagħna biex niġu ħdejn Ġesù u nitolbuh flimkien biex iħenn għalina u għad-dinja kollha.

**RIĊIKLAĠĠ TA' MATERJAL:** nirringrazzjawkom tal-materjal li intom sikwit iġġibu biex jinbiegħ u ndaħħlu xi ħaġa għall-Knisja. Ħafna draw li meta jkollhom xi vit miksur jew xi biċċa wajer li jkun fiha r-ram, iġibuhom fl-Uffiċċju Parrokkjali. Grazzi għall-għajnuna ta' persuni li jnaddfu u jittrasportaw il-metalli, dan il-proġett jibqa' vijabbli.

Navżawkom li m'aħniex naċċettaw televixins għar-riċiklaġġ. 'Il quddiem se nniedu proġett ieħor ta' fundraising biex niksbu iktar fondi għall-Knisja u fl-istess ħin inkunu qed nagħmlu servizz favur il-ħarsien tal-ambjent. Il-proġett il-ġdid se jkun jikkonsisti fil-ġbir tal-landi tal-aluminju. Fuq dan ngħarrfukom permezz ta' ħarġa speċjali ta' *Il-Gazzetta tan-Nadur.*

**SEJĦA GĦAL ABBATINI ĠODDA**



Qed issir sejħa speċjali għal dawk it-tfal subien li għamlu l-Ewwel Tqarbina s-sena li għaddiet jew li se jagħmluha din is-sena, u oħrajn li huma ikbar fl-età u li jixtiequ jissieħbu mal-Grupp tal-Abbatini tal-Parroċċa tagħna biex sal-Ħadd 9 ta' Mejju jkellmu lill-Kan. Dun Reuben Micallef ħalli eventwalment wara din id-data jkunu jistgħu jibdew it-taħriġ biex sal-festa tal-Imnarja ta' din is-sena jkunu jistgħu jagħmlu l-vestizzjoni bħala abbatini.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**SALA PARROKKJALI: Is-Sibt:** fil-5:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am